# BOMBLU GĦANA

*Lilek...*

Issa xħin bil-minġel f'idu
jiġbor ġidu
Ġunju jiġri ma' l-egħlieqi,
jew fil-qiegħa
kollha dija
bil-kappell tat-tiben f'rasu
issa jidres, issa jderri kollu għaraq u tbatija,
ejja mmorru, ejja mmorru
fejn ix-xemx ma tilħaqniex,
ejja mmorru, ejja mmorru
fejn in-nies ma taraniex.
Ejja mmorru, Ħlewwa tiegħi,
Għanqa tiegħi,
ġewwa l-wied ta' sliem u ħdura
fejn qed tgħammar ir-Rebbiegħa
għal żmien twil
dlonk tistenna lil April.
Ejja mmorru,
nieħdu magħna
bomblu mdaqqas,
nimlewh bl-għana :
nimlewh bl-għana tan-nixxiegħa
bnina u safja daqs id-dija,
u tal-qasab mewġa mewġa
żifna waħda ġewwa l-fewġa,
tal-ħarrub u taż-żebbuġ
u tal-virgi u tal-għasluġ
ta l-agħsafar hemm moħhija,
nimlewh bl-għana tar-Rebbiegħa.
Nimlewh bl-għana sa ma jfur
kollu fidda ma' l-infur,
u nixorbu
u nixorbu
u nifirħu t-tnejn flimkien,
ngħannu l-għanja
ta' l-imħabba
li torbotna t-tnejn flimkien
ġewwa l-wied li bih naħilfu illi bih ma ngħidu 'l ħadd
u la issa u la għada jew pitgħada u l-anqas qatt.

5—9—37 X.Y.Z.